— fir-rigward tal-illegalità tal-ittra tal-President tas-27 ta' Lulju 2011:

— dwar id-danni materjali fir-rigward tat-telf ta' remunerazzjoni: EUR 113 100.

— dwar id-danni morali: EUR 50 000;

— fir-rigward tal-fastidju psikoloġiku li kienet suġġetta għalih:

— dwar id-danni materjali fir-rigward tar-remunerazzjoni u t-telf ta' karriera: EUR 132 100;

— dwar id-danni morali: EUR 50 000.

— dwar l-ispejjeż ikkawżati: EUR 13 361,93;

— fir-rigward tal-iżbalji amministrattivi imputabbli lill-BEI:

— dwar il-ksur mill-BEI tal-obbligu ta' kunfidenzjalità tiegħu u ta' protezzjoni tad-data: EUR 10 000.

— dwar l-inċident li jikkonċerna s-smigħ tax-xhieda: EUR 40 000;

— jikkundanna lill-BEI għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Ottubru 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-105/11)**

(2012/C 6/47)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, É. Marchal, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tal-OLAF li tiċħad it-talba tar-rikorrent għal proroga tal-kuntratt tiegħu bħala membru tal-persunal temporanju fis-sens tal-Artikolu 2(b) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg.

**Talbiet tar-rikorrent**

— jannulla d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tal-OLAF tad-29 ta' Ġunju 2011 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent indirizzat kontra ċ-ċaħda tat-talba tiegħu għal proroga tal-kuntratt tiegħu bħala membru tal-persunal temporanju fis-sens tal-Artikolu 2(b) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg;

— sa fejn huwa meħtieġ, jannulla d-deċiżjoni tal-25 ta' Marzu 2011 tad-Direttur Ġenerali tal-OLAF li tiċħad it-talba tar-rikorrent għal proroga tal-kuntratt tiegħu bħala membru tal-persunal temporanju

— jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Ottubru 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-109/11)**

(2012/C 6/48)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: F. Frabetti, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

L-annullament ta' parti mir-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2009.

**Talbiet tar-rikorrent**

— jannulla r-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għall-perijodu 1.1.2009 — 31.12.2009; iktar preċiżament, il-parti tar-rapport stabbilita minn EUROSTAT għal dan l-istess perijodu;

— jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Ottubru 2011 — ZZ *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-110/11)**

(2012/C 6/49)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* ZZ *et* (rappreżentant: F. Frabetti, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea